UNJONI EWROPEA

Kumitat tar-Reġjuni

# Rapport ta' Monitoraġġ tar-REKT 2015
# L-implimentazzjoni ta' programmi ta' kooperazzjoni territorjali ġodda

## Sommarju eżekuttiv

MT

**Dan is-sommarju eżekuttiv inkiteb mill-unità E2, tas-Segretarjat Ġenerali tal-KtR u huwa bbażat fuq l-istudju "Rapport tal-2015 dwar il-Monitoraġġ tar-REKT -
L-implimentazzjoni ta' programmi ta' kooperazzjoni territorjali ġodda" miktub minn Metis GmbH (Jürgen Pucher u Nicole Hauder).**

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea u l-Kumitat tar-Reġjuni hija disponibbli elettronikament fuq http://www.europa.eu u http://www.cor.europa.eu. rispettivament.

L-istudju sħiħ "Rapport tal-2015 dwar il-Monitoraġġ tar-REKT - l-implimentazzjoni ta' programmi ta' kooperazzjoni territorjali ġodda" huwa disponibbli bl-Ingliż fuq:
http://cor.europa.eu/en/documentation/studies/Pages/studies.aspx

© Unjoni Ewropea, 2016
Riproduzzjoni parzjali hija permessa, sakemm is-sors ikun imsemmi espliċitament.

# Sommarju Eżekuttiv

Il-Kumitat tar-Reġjuni regolarment jippubblika rapport ta' monitoraġġ dwar l-iżvilupp tar-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali – REKT. Dan ir-rapport janalizza l-aħħar żviluppi minn tmiem l-2014 sa tmiem l-2015. Sal-aħħar tal-2015, kienu twaqqfu 60 REKT b'kollox, li jlaqqgħu fi ħdanhom iktar minn 800 awtorità nazzjonali, lokali u reġjonali minn fost 20 Stat Membru differenti. F'Diċembru 2015 kienu qed jiġu ppjanati 14-il Raggruppament ieħor, b'wieħed minnhom jinkludi pajjiżi li mhumiex parti mill-UE: ir-REKT EUCOR - il-Campus Ewropew, li jinkludi lill-Isvizzera, ġie reġistrat fil-bidu tal-2016.

## Implimentazzjoni nazzjonali

L-implimentazzjoni nazzjonali tar-Regolament tar-REKT emendat fl-Istati Membri tal-UE għadha għaddejja. Sal-lum, il-KtR identifika d-Digriet Irjali Spanjol 23/2015 tat-23 ta' Jannar, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Istat Nru 27 tal-31 ta' Jannar. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet emendati Ungeriżi u Slovakki daħlu fis-seħħ fl-20 ta' Diċembru 2014 u l-1 ta' Marzu 2015 rispettivament. Fl-Istat Federali tal-Awstrija, il-"Länder" ta' Burgenland, Kärnten, Salzburg u Tirol biddlu l-leġislazzjoni tagħhom skont ir-Regolament tar-REKT rivedut bejn Ottubru 2014 u Frar 2015. Il-Lussemburgu iċċekkjat jekk il-leġislazzjoni attwali kellhiex tinbidel u l-uffiċjali Lussemburgiżi ma identifikaw l-ebda ħtieġa għal dan. L-Istati Membri l-oħra kollha tal-UE ma emendawx il-leġislazzjoni tagħhom sal-aħħar ta' Marzu 2015, u xi wħud minnhom, bħal-Lussemburgu, ma identifikaw l-ebda ħtieġa li tiġi emendata l-leġislazzjoni attwali.

## Ħarsa ġenerali lejn l-attività tar-REKT matul l-2015

*REKT li ġew imwaqqfa mill-20 ta' Novembru 2014*

Bejn tmiem l-2014 u tmiem l-2015, twaqqfu 10 REKT. Meta mqabbel ma' REKT stabbiliti matul is-sentejn ta' qabel (8 REKT ġodda fl-2014 u 9 fl-2013), il-pass jidher li huwa kostanti f'dan il-perjodu ta' osservazzjoni.

Ir-REKT Tisza kien kisba importanti fl-istorja tar-REKT, l-ewwel wieħed li jinvolvi Stat li mhux membru tal-UE. Il-grupp twaqqaf f'Ottubru 2015 bejn l-awtoritajiet Ungeriżi tal-kontea ta' Szabolcs-Szatmár-Bereg, il-muniċipalità ta' Kisvárda u r-reġjun (oblast) tal-Ukraina Zakarpattya.

Table 1. ***Informazzjoni prinċipali dwar ir-REKT li twaqqfu tard fl-2014 u matul l-2015***[1]

| # | **Isem** | **Pajjiżi** | **Data meta stabbilit** |
|---|---|---|---|
| 1 | Raggruppament Ewropew ta' Bliet Fruntiera Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali b'Responsabbiltà LImitata | HU, RO | 28/10/2014 |
| 2 | REKT ESPON – European Node for Territorial Evidence | BE, LU | 19/01/2015 |
| 3 | GECT Pays d'Art et d'Histoire Transfrontalier Les Vallées Catalanes du Tech et du Ter (GECT PAHT Les Vallées Catalanes) | FR, ES | 28/01/2015 |
| 4 | Il-Kuritur tar-Renu tar-REKT tal-Alpi | DE, IT, NL | 27/05/2015 |
| 5 | Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali Torysa (REKT Torysa) | HU, SI | 16/06/2015 |
| 6 | NOVUM | CZ, PL | 16/12/2015 |
| 7 | REKT tar-Reġjun ta' Mura | HU, HR | 28/05/2015 |
| 8 | REKT Tisza<br>Tisza ETT<br>ЄОТС ТИСА | HU, UA | 26/10/2015 |
| 9 | GECT-Autorité de gestion programme INTERREG V A Grande Région | LU, FR | 19/10/2015 |
| 10 | AECT León-Bragança | ES, PT | 29/12/2015 |

1 EUCOR – Il-kampus Ewropej, bejn Franza, il-Ġermanja u l-Isvizzera, stabbilit fl-2016, mhux inkluż.

# Żviluppi fir-REKT: programmi u proġetti tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea

Fir-rigward tat-**tendenzi ġeografiċi**, l-iżvilupp dinamiku madwar l-Ungerija jkompli. Wara li tliet raggruppamenti ġodda ġew stabbiliti fl-2014, matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport żewġ gruppi ġew stabbiliti marbuta mal-Ungerija, wieħed minnhom bil-għan li jinkorpora pajjiżi mhux tal-UE (l-Ukrajna).

Aktar minn nofs ir-raggruppamenti kollha rrappurtaw **tkabbir** b'suċċess f'dawn l-aħħar sentejn, pjanijiet sodi jew/u interess li jieħdu imsieħba ġodda. It-tip ta' sħubija dominanti hija magħmula minn awtoritajiet lokali: nofs ir-rappgruppamenti huma mmexxija mil-livell lokali. It-tieni l-akbar grupp huma r-REKT tal-awtoritajiet reġjonali, b'għadd ta' sħab li jvarja bejn tnejn u sitta. Ir-REKT il-ġodda jsegwu din ix-xejra, bi tliet raggruppamenti lokali ż-żgħar u tnejn reġjonali. Huma biss ir-REKT Renu-Alpi li jsegwi mudell ieħor, speċifikament il-kooperazzjoni transnazzjonali mill-Baħar tat-Tramuntana għall-Baħar Mediterran.

Fl-2015, ir-REKT ESPON twaqqaf bl-**għan** tal-implimentazzjoni tal-programm ta' kooperazzjoni ESPON 2020. L-għan prinċipali tar-REKT il-Kuritur tar-Renu u tal-Alpi l-ġdid huwa li jiffaċilita u jippromwovi l-kooperazzjoni territorjali fost il-membri tiegħu u jsaħħaħ u jikkoordina l-iżvilupp tat-trasport multimodali tul il-Kuritur tar-Renu u tal-Alpi. Ir-REKT NOVUM twaqqaf biex iżid, jiffaċilita u jippromovi l-kooperazzjoni fuq il-Fruntiera Pollakka-Ċeka sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni. Ir-REKT PAHT - Les Vallées Catalanes huwa forum biex jiġu ppruvati u diskussi politiki kulturali u ta' wirt. Iż-żewġ REKT ġodda l-oħra stabbiliti fl-Ungerija huma maħsuba biex isaħħu l-koeżjoni ekonomika u soċjali bejn il-membri tagħhom u jagħtu struttura lill-kooperazzjoni transkonfinali dwar proġetti u programmi.

Il-biċċa l-kbira tar-raggruppamenti joperaw fuq **baġit** annwali magħmul minn miżati tas-sħubija sa EUR 50 000. Ir-REKT il-ġodda fil-biċċa l-kbira jsegwu din ix-xejra. Il-baġit annwali totali attwali tar-REKT li ġej minn miżati tas-sħubija huwa stmat għal madwar EUR 33 miljun[2]. Kostijiet annwali ta' tħaddim tal-Isptar ta' Cerdanya waħdu huma ta' madwar EUR 20 miljun.

**Il-Proġetti ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea** huma sors vitali ta' dħul għal prattikament kull REKT, partikolarment għal dawk b'bażi finanzjarja ta'

[2] 12-il miljun kif irrapportat f'2014 + 20 miljun mill-isptar ta' Cerdanya + 1 miljun stmat għall-2015.

miżati ta' sħubija dgħajfa. Fl-2015, il-biċċa l-kbira tar-REKT diġà stabbiliti (stabbiliti qabel Novembru 2014) ikkonfermaw proġetti li għadhom għaddejjin. Mit-38 REKT li wieġbu l-kwestjonarju, 23 irrappurtati li għaddejjin bħalissa proġetti tal-Koopoerazzjoni Territorjali Ewropea, b'total ta' 140 proġett. Ir-REKT Tirol-Alto Adige-Trentino rrapporta numru sinifikanti ta' proġetti mmexxija u ffinanzjati direttament mir-REKT. B'kollox, 15-il REKT irrapportaw ostakli fl-implimentazzjoni tal-proġetti.

8 biss minn 42 tweġiba ddokumentaw interess fl-użu tal-**Fondi tal-UE** minbarra l-FEŻR u l-kooperazzjoni territorjali Ewropea. Il-fondi mhux dejjem kienu speċifikati iżda l-fondi li ġejjin issemmew: il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) u LIFE+. Madwar kwart mill-gruppi li wieġbu l-kwestjonarju qed jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' **strumenti ġodda**, jiġifieri l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità (CLLD), Investimenti Territorjali Integrati (ITI) kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni Konġunt (JAP). Ħames REKT qalu li huma diġà qed jimplimentaw strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti (S3).

Il-Presidenza Lussemburgiża pproponiet strument ġdid li jippromovi l-kooperazzjoni transkonfinali, li jikkonsisti f'"Konvenzjoni Ewropea" li tippermetti eċċezzjonijiet u derogi legali, u għalhekk tagħmel possibbli l-implimentazzjoni ta' proġetti transkonfinali. Għaxra mit-42 raggruppamenti qed jimplimentaw jew huma interessati fi proġetti bħal dawn.

# REKT li qed jitħejjew

Skont il-lista stabbilita mill-Kumitat tar-Reġjuni u ż-żieda ta' tar-REKT Perli tal-Alpi, 14-il REKT huma ppjanati sa tmiem l-2015. L-erba' raggruppamenti ESPON, Mash, il-Kuritur tar-Renu u tal-Alpi u Novum kien ilhom stabbiliti mill-2014 u bdew il-ħidma tagħhom. Ir-REKT Eurocidade Valença do Minho - TUI (il-Portugall u Spanja), u Medgidia - Silistra (bejn ir-Rumanija u l-Bulgarija) għadhom qed jistennew l-approvazzjoni. Dan l-istatus ma nbidilx meta mqabbel mar-rapporti għall-aħħar sentejn. Ir-REKT EUCOR — il-Campus Ewropew, li jinkludi l-Isvizzera, se jkun l-ewwel Campus transkonfinali u se jinkludi awtoritajiet minn barra l-UE[3].

Ir-REKT Cittaslow, u Alto Adriatico/Severni Jadran/Sjeverni Jadran huma ġodda fis-sezzjoni REKT "li qed jitħejjew". Ir-REKT bejn Saint Martin u Sint Maarten, li jkun l-ewwel wieħed bejn il-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej(OCT), ġie ssuġġerit fl-2014.

3 Ir-REKT EUCOR ġie rreġistrat fl-ewwel xhur tal-2016, wara li nkiteb dan ir-rapport.